

Il-Ġurnal Uffiċjali C 324

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

13 ta' Settembru 2018

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2018/C 324/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8831 — Mondi/Powerflute) ⁽¹⁾	1
2018/C 324/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8990 — PIAG/MTIB/Abatec) ⁽¹⁾	1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2018/C 324/03	Lista ta' ħatriet li saru mill-Kunsill — Jannar – Lulju 2018 (qasam soċjali)	2
---------------	--	---

Il-Kummissjoni Ewropea

2018/C 324/04	Rata tal-kambju tal-euro	11
---------------	--------------------------------	----

Il-Qorti tal-Awdituri

2018/C 324/05	Rapport Speċjali Nru 23/2018 — “It-tniġġis tal-arja: Saħħitna għadha mhix qed tiġi protetta biżżejjed”	12
---------------	--	----

MT

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

2018/C 324/06

Sommarju tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposta li temenda d-Direttiva 2017/1132 rigward l-użu ta' għodod diġitali u proċessi fil-liġi tal-kumpaniji 13

II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠJI
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.8831 — Mondi/Powerflute)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2018/C 324/01)

Fit-23 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32018M8831. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.8990 — PIAG/MTIB/Abatec)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2018/C 324/02)

Fl-24 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bil-Ġermaniż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) -dokument li jgħib in-numru 32018M8990. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

IV
(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Lista ta' ħatriet li saru mill-Kunsill
Jannar – Lulju 2018 (qasam soċjali)
(2018/C 324/03)

Kumitat	Tmiem tal-mandat	Pubblikazzjoni fil-ĠU	Persuna sostitwita	Riżenja/ħatra	Membru/supplenti	Kategorija	Pajjiż	Persuna maħtura	Affiljazzjoni	Data tad-Deċiżjoni tal-Kunsill
Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali	17.9.2018	ĠU C 232, 16.7.2015, p. 2.	Is-Sinjura Soledad IGLESIAS JIMÉNEZ	Riżenja	Membru	Gvern	Spanja	Is-Sur Juan José ESCOBAR SANZ	Ministeru Spanjol għall-Edukazzjoni, il-Kultura u l-Ispports (MECD)	18.6.2018
Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	28.2.2019	ĠU C 79, 1.3.2016	Is-Sur Thierry VANMOL	Riżenja	Supplenti	Min iħaddem	Belġju	Is-Sinjura Dorothee DUPUIS	Essenscia Wallonie	29.1.2018
Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	28.2.2019	ĠU C 79, 1.3.2016	Is-Sinjura Reneta VASILEVA	Riżenja	Supplenti	Trade Unions	Bulgarija	Is-Sur Ognian ATANASOV	CITUB	29.1.2018
Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	28.2.2019	ĠU C 79, 1.3.2016	Is-Sur Carlo STEFFES	Riżenja	Supplenti	Gvern	Lussemburgu	Is-Sur Armin KOEGEL	Ministeru għas-Saħħa	29.1.2018

Kumitat	Tmiem tal-mandat	Pubblikazzjoni fil-ĠU	Persuna sostitwita	Riżenja/ħatra	Membru/supplenti	Kategorija	Pajjiż	Persuna maħtura	Affiljazzjoni	Data tad-Deċizzjoni tal-Kunsill
Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	28.2.2019	ĠU C 79, 1.3.2016	Is-Sur Leo SUOMAA	Riżenja	Membru	Gvern	Finlandja	Is-Sur Raimo ANTILA	Ministeru għall-Affarrijiet Soċjali u s-Saħħa	29.1.2018
Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	28.2.2019	ĠU C 79, 1.3.2016	Is-Sur Wiking HUSBERG	Riżenja	Supplenti	Gvern	Finlandja	Is-Sur Hannu STÅLHAMMAR	Ministeru għall-Affarrijiet Soċjali u s-Saħħa	8.3.2018
Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	28.2.2019	ĠU C 79, 1.3.2016	Is-Sinjura Christina JÄRNSTEDT	Riżenja	Membru	Trade Unions	Żvezja	Is-Sinjura My BILLSTAM	LO Żvezja	16.4.2018
Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	28.2.2019	ĠU C 79, 1.3.2016	Is-Sur Rasmus RAABJERG NIELSEN	Riżenja	Membru	Trade Unions	Danimarka	Is-Sinjura Nina HEDEGAARD	Il-Konfederazzjoni ta' Professjonisti tad-Danimarka (FTF)	16.4.2018
Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	28.2.2019	ĠU C 79, 1.3.2016	Is-Sinjura Nina HEDEGAARD	Riżenja	Supplenti	Trade Unions	Danimarka	Is-Sur Rasmus RAABJERG NIELSEN	Il-Konfederazzjoni Daniża tat-Trade Unions (LO)	16.4.2018
Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	28.2.2019	ĠU C 79, 1.3.2016	Is-Sur Pedro Nuno PIMENTA BRAZ	Riżenja	Membru	Gvern	Portugall	Is-Sinjura Maria Luísa TORRES DE ECKENROTH GUIMARÃES	ACT-Autoridade para as Condições de Trabalho	18.6.2018
Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	28.2.2019	ĠU C 79, 1.3.2016	Is-Sur António ROBALO DOS SANTOS	Riżenja	Supplenti	Gvern	Portugall	Is-Sinjura Helena KRIPPAHL	ACT-Autoridade para as Condições de Trabalho	18.6.2018

Kumitat	Tmiem tal-mandat	Pubblikazzjoni fil-ĠU	Persuna sostitwita	Riżenja/ħatra	Membru/supplenti	Kategorija	Pajjiż	Persuna maħtura	Affiljazzjoni	Data tad-Deċizzjoni tal-Kunsill
Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	28.2.2019	ĠU C 79, 1.3.2016	Is-Sinjura Yvonne MULLOOLY	Riżenja	Membru	Gvern	Irlanda	Is-Sinjura Paula GOUGH	Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà	16.7.2018
Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	28.2.2019	ĠU C 79, 1.3.2016	Is-Sur Patrick MADDALONE	Riżenja	Membru	Gvern	Franza	Is-Sur Frédéric TEZE	Ministeru għax-Xogħol, l-Impjiegi u s-Saħħa	16.7.2018
Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	28.2.2019	ĠU C 79, 1.3.2016	Is-Sur Frédéric TEZE	Riżenja	Supplenti	Gvern	Franza	Is-Sur Arnaud PUJAL	Ministeru għax-Xogħol, l-Impjiegi u s-Saħħa	16.7.2018
Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	28.2.2019	ĠU C 79, 1.3.2016	Is-Sinjura Katell DANIAULT	Riżenja	Supplenti	Gvern	Franza	Is-Sinjura Clémentine BRAILLON	Ministeru għax-Xogħol, l-Impjiegi u s-Saħħa	16.7.2018
Kumitat ta' Konsulenza dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema	24.9.2018	ĠU C 348, 23.9.2016	Is-Sur Francisco GONZÁLEZ MORENO	Riżenja	Membru	Trade Unions	Spanja	Is-Sur José Antonio MORENO DIAZ	CCOO	29.1.2018
Kumitat ta' Konsulenza dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema	24.9.2018	ĠU C 348, 23.9.2016	Is-Sinjura Eva DIANIŠKOVÁ	Riżenja	Membru	Gvern	Repubblika Ċeka	Is-Sinjura Petra SILOVSKÁ	Ministeru għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali tar-Repubblika Ċeka	8.3.2018
Kumitat ta' Konsulenza dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema	24.9.2018	ĠU C 348, 23.9.2016	Is-Sur Kees VAN DUIN	Riżenja	Supplenti	Gvern	In-Netherlands	Is-Sinjura Gaby BLOM-FABER	Ministeru għall-Affarijiet Soċjali u l-Impjiegi IŻ/EA	22.5.2018

Kumitat	Tmiem tal-mandat	Pubblikazzjoni fil-ĠU	Persuna sostitwita	Riżenja/ħatra	Membru/supplenti	Kategorija	Pajjiż	Persuna maħtura	Affiljazzjoni	Data tad-Deċizzjoni tal-Kunsill
Kumitat ta' Konsulenza dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema	24.9.2018	ĠU C 348, 23.9.2016	Is-Sinjura Siiri OTSMANN	Riżenja	Membru	Gvern	Estonja	Is-Sinjura Kristi SUUR	Ministeru għall-Affarrijiet Soċjali tal-Estonja	18.6.2018
Kumitat ta' Konsulenza dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema	24.9.2018	ĠU C 348, 23.9.2016	Is-Sinjura Carita RAMMUS	Riżenja	Supplenti	Gvern	Estonja	Is-Sinjura Thea TREIER	Ministeru għall-Affarrijiet Soċjali tal-Estonja	18.6.2018
Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema	24.9.2018	ĠU C 348, 23.9.2016	Is-Sinjura Katrin TRUVE	Riżenja	Membru	Min iħaddem	Estonja	Is-Sinjura Helo TAMME	Il-Konfederazzjoni Estonjana ta' Min Iħaddem	18.6.2018
Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali	19.10.2020	ĠU C 341, 16.10.2015	Is-Sinjura Lindsay ROOME	Riżenja	Membru	Gvern	Renju Unit	Is-Sinjura Danielle WELLS	Dipartiment tax-Xogħol u l-Pensjonijiet (DWP) Caxton House	23.1.2018
Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali	19.10.2020	ĠU C 341, 16.10.2015	Is-Sinjura Lindsay FULLARTON	Riżenja	Supplenti	Gvern	Renju Unit	Is-Sinjura Annette LOAKES	Dipartiment tax-Xogħol u l-Pensjonijiet (DWP) Caxton House	23.1.2018
Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali	19.10.2020	ĠU C 341, 16.10.2015	Is-Sur Malcolm SCICLUNA	Riżenja	Membru	Gvern	Malta	Is-Sinjura Fiona Cilia PULIS	Ministeru għall-Familja, Drittijiet ta' Tfal u Solidarjetà Soċjali	29.1.2018

Kumitat	Tmiem tal-mandat	Pubblikazzjoni fil-ĠU	Persuna sostitwita	Riżenja/ħatra	Membri/supplenti	Kategorija	Pajjiż	Persuna maħtura	Affiljazzjoni	Data tad-Deċizzjoni tal-Kunsill
Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali	19.10.2020	ĠU C 341, 16.10.2015	Is-Sinjura Pirjo VÄÄNÄNEN	Riżenja	Membri	Trade Unions	Finlandja	Is-Sinjura Tuuli GLANTZ	L-Organizzazzjoni Ċentrali tat-Trade Unions Finlandiżi (SAK)	22.5.2018
Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali	19.10.2020	ĠU C 341, 16.10.2015	Is-Sinjura Zsófia TÓTH	Riżenja	Supplenti	Gvern	Ungerija	Is-Sur András LOPUSSNY	Ministeru għall-Kapaċitajiet Umani	22.5.2018
Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali	19.10.2020	ĠU C 341, 16.10.2015	Is-Sur Claude EWEN	Riżenja	Membri	Gvern	Lussemburgu	Is-Sinjura Carine PIGEON	Spezzjoni ġenerali tas-sigurtà soċjali	18.6.2018
Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali	19.10.2020	ĠU C 341, 16.10.2015	Is-Sinjura Karin MANDERSCHIED	Riżenja	Supplenti	Gvern	Lussemburgu	Is-Sinjura Anne RECH	Ministeru għas-Sigurtà soċjali	18.6.2018
Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali	19.10.2020	ĠU C 341, 16.10.2015	Is-Sur Vincent JACQUET	Riżenja	Supplenti	Trade Unions	Lussemburgu	Is-Sur Paul De ARAUJO	LCGB	18.6.2018
Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali	19.10.2020	ĠU C 341, 16.10.2015	Is-Sinjura Ellen NYGREN	Riżenja	Membri	Trade Unions	Żvezja	Is-Sinjura Joa BERGOLD	Konfederazzjoni tat-Trade unions Żvediżi	16.7.2018

Kumitat	Tmiem tal-mandat	Pubblikazzjoni fil-ĠU	Persuna sostitwita	Riżenja/ħatra	Membri/supplenti	Kategorija	Pajjiż	Persuna maħtura	Affiljazzjoni	Data tad-Deċizzjoni tal-Kunsill
Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	7.11.2019	ĠU C 386, 20.10.2016	Is-Sur Jan KAHR FREDERIKSEN	Riżenja	Membri	Trade Unions	Danimarka	Is-Sinjura Nina HEDEGAARD	FTF	29.1.2018
Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	7.11.2019	ĠU C 386, 20.10.2016	Is-Sur Leo SUOMAA	Riżenja	Membri	Gvern	Finlandja	Is-Sur Raimo ANTILA	Ministru għall-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa	29.1.2018
Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	7.11.2019	ĠU C 386, 20.10.2016	Is-Sinjura Maria BJERRE	Riżenja	Supplenti	Trade Unions	Danimarka	Is-Sur Rasmus RAABJERG NIELSEN	Il-Konfederazzjoni Daniża tat-Trade Unions	29.1.2018
Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	7.11.2019	ĠU C 386, 20.10.2016	Is-Sur Wiking HUSBERG	Riżenja	Supplenti	Gvern	Finlandja	Is-Sur Hannu STÅLHAMMAR	Ministru għall-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa	8.3.2018
Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	7.11.2019	ĠU C 386, 20.10.2016	Is-Sinjura Christina JÄRNSTEDT	Riżenja	Supplenti	Trade Unions	Żvezja	Is-Sinjura My BILLSTAM	LO l-Iżvezja	16.4.2018
Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	7.11.2019	ĠU C 386, 20.10.2016	Is-Sur António ROBALO DOS SANTOS	Riżenja	Membri	Gvern	Portugall	Is-Sinjura Maria Luísa TORRES DE ECKENROTH GUIMARÃES	ACT-Autoridade para as Condições de Trabalho	18.6.2018

Kumitat	Tmiem tal-mandat	Pubblikazzjoni fil-ĠU	Persuna sostitwita	Riżenja/ħatra	Membru/supplenti	Kategorija	Pajjiż	Persuna maħtura	Affiljazzjoni	Data tad-Deċiżjoni tal-Kunsill
Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	7.11.2019	ĠU C 386, 20.10.2016	Is-Sur Frédéric TEZE	Riżenja	Membru	Gvern	Franza	Is-Sur Arnaud PUJAL	Ministeru għax-Xogħol, l-Impjiegi u s-Saħħa	16.7.2018
Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	7.11.2019	ĠU C 386, 20.10.2016	Is-Sinjura Katell DANIAULT	Riżenja	Supplenti	Gvern	Franza	Is-Sinjura Clémentine BRAILLON	Ministeru għax-Xogħol, l-Impjiegi u s-Saħħa	16.7.2018
Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol	30.11.2019	ĠU C 447, 1.12.2016	Is-Sinjura Mary O'SULLIVAN	Riżenja	Supplenti	Gvern	Irlanda	Is-Sinjura Fiona WARD	Dipartiment tax-Xogħlijiet, l-Intrapriża u l-Innovazzjoni	23.1.2018
Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol	30.11.2019	ĠU C 447, 1.12.2016	Is-Sinjura Fiona WARD	Riżenja	Membru	Gvern	Irlanda	Is-Sinjura Mary O'SULLIVAN	Dipartiment għall-Affarijiet tal-Impjiegi u l-Protezzjoni Soċjali	23.1.2018
Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol	30.11.2019	ĠU C 447, 1.12.2016	Is-Sinjura Dorthe ANDERSEN	Riżenja	Membru	Min iħaddem	Danimarka	Is-Sinjura Christiane MIßLBECK-WINBERG	Konfederazzjoni Daniża ta' Min Iħaddem	8.3.2018
Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol	30.11.2019	ĠU C 447, 1.12.2016	Is-Sinjura Lone HENRIKSEN	Riżenja	Membru	Gvern	Danimarka	Is-Sur Thomas Mølsted JØRGENSEN	Il-Ministeru għall-Impjiegi	22.5.2018

Kumitat	Tmiem tal-mandat	Pubblikazzjoni fil-ĠU	Persuna sostitwita	Riżenja/ħatra	Membri/supplenti	Kategorija	Pajjiż	Persuna maħtura	Affiljazzjoni	Data tad-Deċizzjoni tal-Kunsill
Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol	30.11.2019	ĠU C 447, 1.12.2016	Is-Sinjura Anna KWIATKIEWICZ-MORY	Riżenja	Membri	Min iħaddem	Polonja	Is-Sur Andrzej RUDKA	Konfederacja Lewiatan	18.6.2018
Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol	30.11.2019	ĠU C 447, 1.12.2016	Is-Sinjura Katharina LINDNER	Riżenja	Membri	Min iħaddem	Awstrija	Is-Sinjura Cornelia HOCKE	Il-Federazzjoni tal-Industriji Awstrijaċi	18.6.2018
Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol	30.11.2019	ĠU C 447, 1.12.2016	Is-Sur Vincent JACQUET	Riżenja	Membri	Trade Unions	Lussemburgu	Is-Sur Paul DE ARAUJO	LCGB	18.6.2018
Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol	30.11.2019	ĠU C 447, 1.12.2016	Is-Sur Paul DE ARAUJO	Riżenja	Membri	Trade Unions	Lussemburgu	Is-Sinjura Véronique EISCHEN-BECKER	OGBL	18.6.2018
Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol	30.11.2019	ĠU C 447, 1.12.2016	Is-Sinjura Véronique EISCHEN-BECKER	Riżenja	Supplenti	Trade Unions	Lussemburgu	Is-Sur Paul DE ARAUJO	LCGB	18.6.2018

Kumitat	Tmiem tal-mandat	Pubblikazzjoni fil-ĠU	Persuna sostitwita	Riżenja/ħatra	Membru/supplenti	Kategorija	Pajjiż	Persuna maħtura	Affiljazzjoni	Data tad-Deċizzjoni tal-Kunsill
Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol	30.11.2019	ĠU C 447, 1.12.2016	Is-Sur Manuel MADURO ROXO	Riżenja	Membru	Gvern	Portugall	Is-Sinjura Maria Luísa TORRES DE ECKENROTH GUIMARÃES	ACT-Autoridade para as Condições de Trabalho	18.6.2018
Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol	30.11.2019	ĠU C 447, 1.12.2016	Is-Sinjura Rena BARDANI	Riżenja	Membru	Min iħaddem	Greċja	Is-Sur Christos IOANNOU	SEV - Hellenic Federation of Enterprises	18.6.2018

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

It-12 ta' Settembru 2018

(2018/C 324/04)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1585	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5137
JPY	Yen Ġappuniż	129,13	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,0934
DKK	Krona Daniża	7,4594	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7772
GBP	Lira Sterlina	0,89028	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5945
SEK	Krona Żvediża	10,4740	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 307,37
CHF	Frank Żvizzeru	1,1277	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	17,4368
ISK	Krona İzlandiża	132,10	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,9588
NOK	Krona Norveġiża	9,6328	HRK	Kuna Kroata	7,4350
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	17 174,76
CZK	Krona Ċeka	25,590	MYR	Ringgit Malażjan	4,8037
HUF	Forint Ungeriż	325,73	PHP	Peso Filippin	62,640
PLN	Zloty Pollakk	4,3099	RUB	Rouble Russu	80,1609
RON	Leu Rumun	4,6380	THB	Baht Tajlandiż	37,981
TRY	Lira Turka	7,3781	BRL	Real Brażiljan	4,7859
AUD	Dollaru Awstraljan	1,6268	MXN	Peso Messikan	22,1760
			INR	Rupi Indjan	83,6705

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

Rapport Speċjali Nru 23/2018

“It-tniġġis tal-arja: Saħħitna għadha mhix qed tiġi protetta biżżejjed”

(2018/C 324/05)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri b'dan tinfirmak li r-Rapport Speċjali Nru 23/2018 “It-tniġġis tal-arja: Saħħitna għadha mhix qed tiġi protetta biżżejjed” għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat jew imniżżel mis-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: <http://eca.europa.eu>

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Sommarju tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposta li temenda d-Direttiva 2017/1132 rigward l-użu ta' għodod diġitali u proċessi fil-liġi tal-kumpaniji

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bil-Franċiż, bil-Ġermaniż u bl-Ingliż fuq is-sit web tal-KEPD www.edps.europa.eu)

(2018/C 324/06)

L-Opinjoni hija maħruġa bħala risposta għall-konsultazzjoni magħmula mill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll fuq talba speċifika tal-Parlament Ewropew.

Il-Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 rigward l-użu ta' għodod diġitali u proċessi fil-liġi dwar il-kumpaniji għandha l-għan li tikkumplimenta l-qafas attwali tal-UE billi tindirizza n-nuqqas ta' regoli għal reġistrazzjoni ta' kumpanija online, l-iffajljar u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni reġistrata dwar kumpaniji u fergħat f'verżjoni elettronika jew id-diverġenza ta' tali regoli fl-Istati Membri. Barra minn hekk, għandha l-għan li tiżgura li l-Istati Membri jippermettu li l-kumpaniji jibbenefikaw mill-użu ta' identifikazzjoni elettronika kif ukoll li jipprovdu għal skambju addizzjonali ta' *data* bejn ir-reġistri Nazzjonali tal-kummerċ dwar l-iskwalifika ta' diretturi. Tiżgura wkoll aċċess bla ħlas għal lista ta' dokumenti u informazzjoni fl-Istati Membri kollha u tintroduċi l-prinċipju ta' darba biss fil-qasam tal-liġi tal-kumpaniji sabiex il-kumpaniji ma jkunux meħtieġa li jipprovdu l-istess informazzjoni għal darbtejn lil awtoritajiet differenti. Finalment, tintroduċi l-possibbiltà li l-Kummissjoni tistabbilixxi punt ta' aċċess fakultattiv għall-istituzzjonijiet tal-UE rigward il-pjattaforma.

Il-KEPD jilqa' l-Proposta u jikkondividi l-fehma tal-Kummissjoni li l-użu tal-għodod diġitali jista' jipprovdi lil kumpaniji iktar opportunitajiet indaqs filwaqt li jfakkar il-ħtieġa li jiġi kkunsidrat il-fatt li ż-żieda ta' aċċess għal *data* personali għandha tkun akkumpanjata minn miżuri effettivi li jipprevjenu l-ipproċessar illegali u iġust ta' din id-*data*. Din hija r-raġuni għala l-Opinjoni tiffoka fuq rakkomandazzjonijiet speċifiċi b'żewġ objettivi: li tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali u li jinħoloq għarfien dwar ir-riskji li jirriżultaw mill-aċċessibbiltà tad-*data* personali li kieku jsiru disponibbli għal kulħadd fuq l-Internet f'forma diġitali b'bosta lingwi permezz ta' punt ta' aċċess/pjattaforma Ewropea b'aċċess faċli.

Il-KEPD jirrakkomanda li tittieħed l-opportunità tar-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet tas-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali sabiex jitqiesu sew ir-rakkomandazzjonijiet ipprovduti fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 89/666/KEE, 2005/56/KE u 2009/101/KE fir-rigward tal-interkonnessjoni ta' reġistri ċentrali, kummerċjali u tal-kumpaniji. Barra minn hekk, huwa jirrakkomanda li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi li nġhataw fl-Opinjoni dwar il-proposta għal Regolament li jstabbilixxi Portal Diġitali Uniku u l-prinċipju ta' darba biss, sabiex tiġi żgurata ċertezza legali fl-ipproċessar ta' *data* personali.

Il-KEPD ikompli billi jissuġġerixxi ż-żieda ta' referenza għar-Regolament ġdid li ser jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Jirrakkomanda wkoll li jkun żgurat li l-Proposta tispeċifika l-qafas għall-flussi tad-*data* u għall-proċeduri ta' kooperazzjoni amministrattiva bl-użu ta' netwerk elettroniku, biex ikun żgurat li d-*data* tiġi pproċessata permezz ta' bażi legali soda u li jiġu pprovduti salvagwardji adegwati għall-protezzjoni tad-dejta, b'mod partikolari fir-rigward tad-*data* personali li tikkonċerna l-iskwalifika tad-diretturi.

Finalment, il-KEPD jirrakkomanda li tiżdied referenza mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/333/UE⁽²⁾, li tiddikjara d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni fl-ipproċessar tad-*data* fil-kuntest tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika. Barra minn hekk jitlob kjarifika tal-qsim tal-kompiti u responsabbiltajiet rispettivi ta' kull parti involuta fl-ipproċessar tad-*data* fil-kuntest tal-kontroll u tal-kontroll konġunt.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-*data* (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/333/UE tal-5 ta' Ġunju 2014 dwar il-protezzjoni tad-dejta personali fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika (ĠU L 167, 6.6.2014, p. 57).

1. INTRODUZZJONI U SFOND

1. Fil-25 ta' April 2018, il-Kummissjoni Ewropea ("Kummissjoni") adottat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew ("Parlament") u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 rigward l-użu ta' għodod u proċessi fil-liġi tal-kumpaniji ⁽¹⁾ ("Proposta"), flimkien mal-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 rigward konverżjonijiet transkonfinali, mergers u diviżjonijiet. ⁽²⁾ Filwaqt li dan tal-aħħar jipprovi għal regoli armonizzati fil-qasam ta' konverżjonijiet transkonfinali, mergers u diviżjonijiet ta' kumpaniji, l-Opinjoni tiffoka fuq il-Proposta.
2. Din l-Opinjoni hija b'risposta għal konsultazzjoni mill-Kummissjoni u għal talba separata mill-Parlament lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ("KEPD"), bħala awtorità superviżorja indipendenti, biex tingħata Opinioni dwar il-Proposta. Il-KEPD huwa grat li ġie kkonsultat kif meħtieġ mill-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u li fil-preambolu għall-Proposta hemm inkluż referenza għall-Opinjoni.

1.1. Objettivi tal-Proposta

3. Il-Proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 50(1) u l-punti (b), (c), (f) u (g) tal-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għandha l-għan li:
 - tikkumplimenta l-qafas attwali tal-UE billi tindirizza n-nuqqas ta' regoli għal reġistrazzjoni ta' kumpaniji online, l-iffajljar u pubblikazzjoni ta' informazzjoni reġistrata dwar kumpaniji u fergħat f'forma elettronika jew id-diverġenza ta' tali regoli fl-Istati Membri, li skont il-Kummissjoni, joħlqu spejjeż u piżijiet mhux neċessarji lill-intraprendituri ⁽³⁾;
 - tiżgura li l-Istati Membri jagħmluha possibbli għall-kumpaniji li jibbenefikaw mill-użu ta' identifikazzjoni elettronika u ta' servizzi fiduċjarji permezz tar-Regolament eIDAS ⁽⁴⁾;
 - tipprovi għal skambju addizzjonali ta' data bejn ir-reġistri nazzjonali tal-kummerċ li jikkonċernaw l-iskwalifika tad-diretturi;
 - twessa' l-aċċess għal dokumenti żvelati u informazzjoni dwar kumpaniji, lill-kumpaniji l-oħrajn kollha għajr il-kumpaniji b'responsabbiltà limitata elenkati fl-Anness II għad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾;
 - tiżgura aċċess bla ħlas għal lista ta' dokumenti u informazzjoni fl-Istati Membri kollha;
 - tintroduċi l-prinċipju ta' darba biss fil-qasam tal-liġi tal-kumpaniji sabiex il-kumpaniji ma jkunux meħtieġa li jipprovdu l-istess informazzjoni darbtejn lil awtoritajiet differenti;
 - tintroduċi l-possibilità għall-Kummissjoni li tistabilixxi punt ta' aċċess fakultattiv għall-istituzzjonijiet tal-UE għall-pjattaforma.

1.2. Kuntest tal-Proposta

4. Id-Direttiva (UE) 2017/1132, li għandha tiġi emendata permezz tal-Proposta, ikkodifikat diversi Direttivi fil-qasam tal-liġi dwar il-kumpaniji ⁽⁶⁾, inkluż id-Direttiva 2012/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾. Id-Direttiva 2012/17/UE stabbilixxiet is-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali ("BRIS"), li għet

⁽¹⁾ COM(2018) 239 final, 2018/0113 (COD).

⁽²⁾ COM(2018) 141 final, 2018/0114 (COD).

⁽³⁾ Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni għall-Proposta, p. 4 u 5.

⁽⁴⁾ Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern li tħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73) Dan ir-Regolament jstabilixxi standards komuni għal rikonossiment reċiproku għal mezz ta' identifikazzjoni elettronika għall-iskopijiet ta' awtentikazzjoni transkonfinali għal servizz online pprovdut minn korp tas-settur pubbliku fi Stat Membru. Ara l-Opinjoni tal-KEPD 2013/C 28/04 dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fiduċja u l-fiduċja fi tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (Regolament tas-Servizzi Fiduċjarji Elettroniċi) https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/12-09-27_electronic_trust_services_en_0.pdf u fis-sommarju eżekuttiv (ĠU C 28, 30.1.2013, p. 6).

⁽⁵⁾ Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 li għandha x'taqam mal-aspetti tal-liġi tal-kumpaniji (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 46).

⁽⁶⁾ Hija tirrevoka d-Direttivi tal-Kunsill 82/891/KEE u 89/666/KEE u d-Direttivi 2005/56/KE, 2009/101/KE, 2011/35/UE u 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁽⁷⁾ Id-Direttiva 2012/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/666/KEE u d-Direttivi 2005/56/KE u 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interkonnessjoni tar-reġistri ċentrali, kummerċjali u tal-kumpaniji (ĠU L 156, 16.6.2012, p. 1).

iddettaljata aktar taħt ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/884⁽¹⁾. Il-BRIS ilha fis-seħħ mit-8 ta' Ġunju 2017. Skont is-sit web tal-Kummissjoni, jipparteċipaw 31 pajjiż (l-Istati Membri tal-UE flimkien ma' pajjiżi fiż-Żona Ekonomika Ewropea). Il-BRIS tgħaqqad ir-reġistri Nazzjonali tal-kummerċ ma' "Pjattaforma Ċentrali Ewropea" u tipprovdi punt wieħed ta' aċċess permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja, li permezz tiegħu ċittadini, negozji u amministrazzjonijiet pubbliċi jistgħu jfittxu informazzjoni dwar il-kumpaniji u l-fergħat tagħhom miftuħin fi Stati Membri oħrajn. FNE forniment elettroniku (wieħed mill-elementi fundamentali tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa tal-Kummissjoni Ewropea)⁽²⁾ jippermetti li s-sistemi tar-reġistru kummerċjali ta' Stat Membru jkunu jistgħu jiskambjaw messaġġi b'mod sigur permezz tal-FNE forniment elettroniku. L-utenti ta' BRIS jistgħu jibbenefikaw ukoll mis-sistema tal-login peress li l-Portal tal-Ġustizzja elettronika juża forniment elettroniku-FNE.

5. Madankollu, skont il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Proposta, l-UE għadha toffri xenarju inkonsistenti ħafna fir-rigward tad-disponibilità ta' għodod online għal kumpaniji fil-kuntatt tagħhom ma' awtoritajiet pubbliċi fil-qasam tal-liġi tal-kumpaniji. Stati Membri jipprovdu għal gvern elettroniku fi gradi varjabbli. Attwalment, il-liġi dwar il-kumpaniji tal-UE tinkludi ċerti elementi ta' diġitalizzazzjoni bħall-obbligu għall-Istati Membri li jagħmlu disponibbli informazzjoni online rigward kumpaniji b'responsabbiltà limitata. Madankollu dawn ir-reqwiziti huma limitati u mhumiex preċiżi, dan iwassal għall-implimentazzjoni diversa ħafna fuq livell nazzjonali. Barra minn hekk, ċerti proċessi diġitali xejn mhuma koperti mil-liġi tal-UE u llum 17-il Stat Membru biss jipprovdu għal proċedura li tiżgura b'mod sħiħ ir-reġistrazzjoni ta' kumpaniji online. Is-sitwazzjoni hija simili għar-reġistrazzjoni online tal-fergħat⁽³⁾.

1.3. Sinerġiji flimkien ma' inizzjattivi oħra

6. Fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-Proposta, huwa nnutat li l-forniment ta' regoli aktar speċifiċi, sostanzjali dwar il-proċeduri għall-istabbiliment u għar-reġistrazzjoni ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata u fergħat jikkomplementa l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' Portal Diġitali Uniku⁽⁴⁾, li jkopri r-reġistrazzjoni ġenerali ta' attività kummerċjali permezz ta' mezzi online ħlief għall-kostituzzjoni ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata. L-introduzzjoni tal-prinċipju ta' darba biss fil-qasam tal-liġi dwar il-kumpaniji, li skontu, il-kumpaniji ma għandhomx ikunu meħtieġa li jipprovdu l-istess informazzjoni darbtejn lil awtoritajiet differenti, hija wkoll konformi mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Gvern Elettroniku 2016-2020, li jappoġġja sforzi mifruxin mal-UE kollha sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq iċ-ċittadini u n-negozji⁽⁵⁾.

3. KONKLUŻJONI

Għalhekk, il-KEPD jirrakkomanda:

- li tittieħed l-opportunità tar-reviżjoni tad-Direttiva (UE) 2017/1132 relatata ma' BRIS u li jitqiesu b'attenzjoni r-rakkomandazzjonijiet li ġew ipprovduti fl-Opinjoni preċedenti tiegħu tal-2011;
- li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi li nġataw fl-Opinjoni preċedenti tiegħu dwar il-proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' Portal Diġitali Uniku u l-prinċipju ta' darba biss;
- li tiżdied referenza għar-Regolament il-ġdid li daqt ser jissostitwixxi Regolament (KE) Nru 45/2001;
- li jkun żgurat li l-Proposta tispeċifika l-qafas għall-proċeduri tal-flussi tad-dejta u tal-kooperazzjoni amministrattiva li jużaw netwerk elettroniku, sabiex ikun assigurat li (i) kwalunkwe skambju ta' *data* jew attività oħra ta' pproċessar tad-*data* li tuża netwerk elettroniku (eż. l-iżvelar pubbliku ta' *data* personali permezz tal-pjattaforma/punt ta' aċċess komuni) isir fuq bażi legali soda, u li (ii) salvagwardji adegwati għall-protezzjoni tad-*data* huma pprovduti, partikolarment fir-rigward tad-*data* personali li tikkonċerna l-iskwalifika tad-diretturi;

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/884 tat-8 ta' Ġunju 2015 li jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri meħtieġa għas-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri stabbilita bid-Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 144, 10.6.2015, p. 1).

⁽²⁾ Forniment elettroniku jippreskrivi speċifikazzjonijiet tekniċi li jistgħu jintużaw f'kull Qasam Politiku tal-UE (Ġustizzja, Akkwisti, Protezzjoni tal-Konsumatur, eċċ.) sabiex ikun jista' jsir skambju ta' dokumenti u ta' *data* b'mod sigur u affidabbli (strutturati, mhux strutturat u/jew binarju), kemm bejn il-fruntieri kif ukoll bejn is-setturi. Bħala riżultat, organizzazzjonijiet li żviluppaw is-sistemi tal-IT tagħhom indipendentament minn xulxin jistgħu jibdeu jikkomunikaw ma' xulxin b'mod sigur ladarba jkunu konnessi ma' nodu ta' forniment elettroniku. Ara s-sit web tal-Kummissjoni: <https://ec.europa.eu/cefdigital/wiki/display/CEFDIGITAL/2017/06/19/BRIS+Now+Live+on+the+European+e-Justice+Portal> <https://ec.europa.eu/cefdigital/wiki/display/CEFDIGITAL/What+is+eDelivery+-+Overview>

⁽³⁾ Dokument ta' Hídma tal-Persunal tal-Kummissjoni — Valutazzjoni tal-impatt- DĦP (2018) 141 final, 1.4.1 Sewwieq: X'jikkawża l-problema?, p. 13 u li jsegwu.

⁽⁴⁾ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' portal diġitali uniku li jipprovdi informazzjoni, proċeduri, u servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012, COM(2017) 256 final, 2017/0086 (COD). Ara l-Opinjoni 8/2017 tal-KEPD maħruġa dwar il-Proposta tal-Portal Diġitali Uniku u dwar il-prinċipju ta' darba biss. https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/17-08-01_sdg_opinion_en.pdf

⁽⁵⁾ Memorandum ta' Spjegazzjoni għall-Proposta, p. 6.

- li tizzied referenza għad-Deċiżjoni 2014/333/UE, li tiddikjara l-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni fl-ipproċessar tad-*data* fil-kuntest tal-portal tal-ġustizzja elettronika;
- li tiġi ċċarata d-diviżjoni tal-kompiti rispettivi u r-responsabbiltajiet ta' kull parti involuta fl-ipproċessar tad-*data* fil-kuntest tal-kontroll u kontroll konġunt.

Brussell, is-26 ta' Lulju 2018.

Giovanni BUTTARELLI

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT